MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 25
Ħarġa 10
Ottubru 2022

# Attivitajiet Ottubru 2022

**Is-7 ta' Ottubru 2022–** Il-Quddiesa trdizzjonali tal-bidu ta' Ottubru ma' Fr Saviour. 19.30-Santwarju Qalb ta' Ġesù, Ħaż-Zebbuġ.

**L-14 ta' Ottubbru 2022-** Project House-20,00-Nutritionist Rowinda Dimech

**Il-21 ta' Ottubru 2022 -** 20.00-Project House-Benefiċċji Soċjali ma' Ingrid Schembri

**It-28 ta' Ottubru 2022 -** 20.00-Qormi-Ir-Razzett l-Antik Buffet

***Prezz € 25- Booking permezz ta' Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387***

# Party tal-Milied

## DB Qawra. Is –Sibt 17 ta' Diċembru

## Dettalji aktar 'il quddiem




*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

**Fejn kont int meta mietet ir-Reġina?**

Dan ix-xahar għandna kitba naqra differenti minn tas-soltu. Mietet ir-Reġina! Mara li mietet fl-età ta' 96 sena u li rrenjat għal 70 sena. Ħafna minna niftakru lil din il-mara biss bħala reġina tal-Ingilterra. Din il-mara sinonima mal-Ingilterra. Din l-istorja żgur se nibqa' niftakarha, l-aktar għax meta tħabbret il-mewt tar-Reġina, jiena kont għal vaganza ġewwa l-Ingilterra. L-aħbar li r-Reġina waslet fl-aħħar ħadtha waqt li kont qed inżur il-Palazz Eltham. Kienu xi s-13.30. Biex inkun onest, naħseb li diġà kienu jafu li mietet.

Dan il-Palazz hu mmexxi minn Voluntiera u minn numru ta' ħaddiema. Jiena qatt ma kont smajt b'dan il-Palazz u kienet sorpriża li jeżisti post bi storja hekk kbira.

Ftit tagħrif fuq dan il-Palazz Eltham. Palazz medjevali li fil-passat kien il-favorit ta' ħafna u li wara sar ir-residenza rjali ta' Tudor. It-Tudor kienu dinastija rjali Ingliża, li tat ħames sovrani lill-Ingilterra: Henry VII (1485–1509); ibnu, Henry VIII (1509–47) segwit mit-tliet itfal ta' Henry VIII, Edward VI (1547–53), Mary I (1553–58), u Elizabeth I (1558–1603).

Il-Palazz Eltham tas-snin tletin ġie ttrasformat mill-miljunarji eċċentriċi Stephen u Virginia Courtauld. Meta żżur dan il-palazz u hekk kif tesplora d-dar tagħhom tieħu togħma tal-istil ta' ħajja stravaganti tal-Courtaulds. Il-kostumi tal-perjodu u s-sala kbira medjevali huma attrazzjoni li mhux ta' min jitlifhom. Anke fil-ġonna, hemm taħlita stramba tal-perjodi medjevali u moderni. F'dawn il-ġonna wieħed jammira l-burduri bil-pjanti, taqsima bil-ward u l-ġnien bil-blat, bil-pixxini u l-kaskati li hemm. Ma jonqosx ukoll li ftit 'il barra, fil-palazz, issib fejn tieħu naqra tè u biċċa kejk stil Ingliż.

Ħadt interess u staqsejt fuq kif Stephen qala' dawn il-flus kollha biex iżomm u jirranġa dan il-Palazz enormi. Il-ġid tiegħu ġie min-negozju tat-tessuti, iżda fuq iż-żewġ naħat tal-familja tiegħu kien hemm rabtiet mal-arti. Courtauld kien iħobb l-istampi u kiteb poeżiji dwarhom. Naturalment, il-ħaddiema kienu joqogħdu isfel fejn kien hemm il-kċina.

*Ikompli f'paġna2*

Aktar storja. Ftit kien magħruf fuq dan is-sit sakemm sar l-istħarriġ ta' Domesday fis-sena 1086, meta Eltham kien reġistrat li jappartjeni lil Odo, Isqof ta' Bayeux. Dan il-bini biddel l-idejn diversi drabi sal-1295 meta Anthony Bek, Isqof ta' Durham, akkwistaha. Jidher li bena mill-ġdid id-dar, u bena ħajt difensiv tal-perimetru bil-ġebel u l-briks. Il-Kantina u l-fdalijiet tas-sala l-kbira ta' Bek b'filati tal-ġebel ottagonali u art bil-madum elaborata ġew skavati fis-sebgħinijiet. Briġġ tal-injam fuq is-sit tal-pont preżenti tat-tramuntana kien iwassal għad-dar.

U bħalma kien mistenni, mat-tħabbira tal-mewt fl-Ingilterra u speċjalment ġewwa Londra bdiet magna organizzattiva sabiex torganizza l-bidla li issa kienet mistennija li ssir. L-arranġament għall-funeral bdew ukoll. Mietet Reġina u laħaq Rè. Binha. Inbidel il-kliem fl-innu Nazzjonali Ingliż. God save the Queen sar God save the King. Ir-Rè diġà ħa postu imma fadallu madwar sena oħra sabiex jiġi inkurunat. Dan id-dewmien isir bħala rispett lejn min ikun telaq. Issemmew il-klieb li kellha r-Reġina. Issemmew ħafna aneddoti li kellha sabiex tiftiehem mal-ħaddiema tagħha, l-aktar dawk tas-sigurtà. Issemmew bil-kbir il-battibekki li kellu Harry mal-kumplament tal-familja. Min iħobb dawn l-affarijiet kellu xalata ta' informazzjoni. Bħal dejjem, isma' bilfors u emmen jekk trid.

Innutajt numru kbir ta' pulizija resqin lejn Londra. Il-partiti tal-futbol twaqqfu, ħaġa li ġabet tgergir kbir. Ċerti ħwienet ma fetħux, oħrajn fetħu bħas-soltu. Ritratti tar-Reġina ma' kullimkien. Ċerti toroq ġew magħluqa. Smajt li anke l-flus se jinbidlu.

Però mhux kulħadd favur il-Monarkija. Kien hemm ukoll protesti minn dawk li huma kontra l-monarkija. Fl-Awstralja jridu li fuq il-karti tal-flus ikun hemm wiċċ xi ħadd Awstraljan u mhux wiċċ xi Re jew Reġina. Imsomma, bħal f'kollox fid-dinja se ssib minn hu favur u se ssib min hu kontra. Lili l-monarkija ma ddejjaqni xejn għalkemm naħseb li żmien ir-rejiet spiċċa. Però naħseb li kull ċittadin minn kull pajjiż għandu jkollu d-dritt li jagħżel hu xi jrid.

## Victor

————————————

Ħbieb, f'Novembru se jkollna Laqgħa Straordinarja fejn fost l-oħrajn se nkun qiegħed nitlob li l-età sabiex wieħed jidħol membru magħna titla' għal 65 sena li wara kollox hija wkoll l-età pensjonabbli. Jiena mhux lest li nibqa' ngħid le lil xi armel jew armla li jkollhom ftit aktar minn 61 li ma jistgħux jidħlu membri magħna. Mhux lest li minħabba ftit xhur inħalli lil xi ħadd jiddispra waħdu d-dar. Però sabiex isir hekk irridu nivvutaw sabiex jinbidel l-istatut.

## *Ftit tagħrif fuq Jum ir-romol.*

Għal ħafna nisa madwar id-dinja, it-telf tar-raġel joħloq diffikultajiet kbar u hu sors ta' ġlieda fit-tul għad-drittijiet bażiċi u d-dinjità tagħhom. Minkejja l-fatt li hawn aktar minn 258 miljun armla madwar id-dinja, bosta minn dawn ir-romol storikament tħallew ma jidhrux jew ma sabux l-appoġġ mixtieq fis-soċjetajiet tagħna. Minn hawn nibdet għar-romol il-frażi ċelebri soċjeta Inviżibbli. Illum, hekk kif il-gwerer, iċ-ċaqliq tan-nies, l-immigrazzjoni u l-pandemija tal-COVID-19 ħallew għexieren ta' eluf ta' nisa romol ġodda u ħafna oħrajn li s-sieħba tagħhom huma neqsin jew anke sparixxew. L-esperjenzi u l-ħtiġijiet uniċi tar-romol għandhom jinġiebu fuq quddiem nett, bil-vuċijiet tagħhom imexxu t-triq.

L-esperjenza mill-passat, turi li r-romol spiss jiġu mċaħħda mid-drittijiet tal-wirt, ikollhom il-proprjetà tagħhom maqbuda wara l-mewt tas-sieħeb, fejn anke jistgħu jaffaċċjaw stigma u diskriminazzjoni, bħala "trasportaturi" perċepiti tal-mard. Madwar id-dinja, in-nisa huma ħafna inqas probabbli li jkollhom aċċess għal pensjonijiet tax-xjuħija mill-irġiel u għalhekk il-mewt ta' 'konjuġi tista' twassal għal deistituzzjonalizzazzjoni (faqar estrem) għal nisa anzjani. Fil-kuntest tal-lockdowns u l-għeluq ekonomiku, ir-romol jista' ma jkollhomx aċċess għal kontijiet bankarji u pensjonijiet biex iħallsu għall-kura tas-saħħa jekk ikunu morda jew biex jappoġġjaw lilhom infushom u lil uliedhom.

B'familji waħedhom u nisa waħedhom anzjani diġà partikolarment vulnerabbli għall-faqar, dan huwa qasam li jeħtieġ attenzjoni urġenti. Huwa fatt magħruf li r-romol nisa dejjem batew aktar speċjalment ġewwa pajjiżi anqas żviluppati. F'dawn il-pajjiżi, ir-romol nisa tista tgħid li ma kellhom drittijiet ta' xejn.

Fil-Jum Internazzjonali tar-Romol, 23 ta' Ġunju, agħti ħarsa lejn uħud mill-kwistjonijiet li jaffettwaw lir-romol madwar id-dinja u x'għandu jsir biex jiġu salvagwardjati u avvanzati d-drittijiet tagħhom. In-Nazzjonijiet Uniti fis-sena 2011 għamlet dan il-jum bħala l-Jum Internazzjonali tar-romol. Dan sar permezz tar-riżoluzzjoni A/RES/65/189. Dan sar sabiex ikun hemm aktar attenzjoni għall bżonnijiet ta' dawn ir-romol. Anke fejn jidħol sapport. Peress li l-kelma li tintuża hija Widows u li din tfisser romol nisa, ma nafx romol irġiel humiex parti minn dan kollu. Hija x-xewqa tiegħi li anke ġewwa pajjiżna dan il-jum jingħata l-importanza li jixraqlu.

## Victor